**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A18-13

02 t' Awwissu 2013

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/18</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar l**-Erbgħa 7 t'Awwissu 2013 fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni Derelict Vehicles
6. Diskussjoni Librarian
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**3 ta' Settembru 2013**

**Seduta Nru: 18 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret l-Erbgħa 7 t' Awwissu 2013 fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John u Joseph M. Muscat flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Joe Camilleri u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol u Vincenza Attard minħabba raġunijiet ta' saħħa.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-02 t' Awwissu 2013

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Numru 18 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat

## 2. Materji Konnessi

### 2.1 Paġna Nru: 2 para 7.1 *GLCT002/2013 – Pavements & Kerbs*

Il-Kunsill ġie nfurmat, li x-xogħlijiet fi Triq Belvedere (minn Rue D'Agens sa Pjazza Meme' Scicluna) kienu bdew u x-xogħol kien miexi bil-galbu u b'ritmu magħġel u l-ħaddiema qalu li r-residenti kkoperaw ħafna magħhom.

Il-Viċi-Sindku qal, li kellhom jinxtraw tlett kaptelli tal-*cast iron* mill-kuntrattur li jilqgħu l-ilma u jiddereġuħ għall-ġibjun li qiegħed f'tal-*Qroqq Lane*, kantuniera bogħod minn Triq Belvedere.

**2.2 Paġna Nru: 3 para 2.4 –** Il-Kunsill qabel unanimament mas-sit ta' fejn kien ser jerġa' jiġi nstallat l-*outdoor gym equipment*.

**2.3 Paġna Nru: 3 para 3.3** – Il-Viċi-Sindku nforma li r-rikorrenza tal-pubbliku kienet fqira għall-laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni – Ningħaqdu Kontra l-Faqar – mill-Onor Ministru tal-Familja.

**2.4 Paġna Nru: 3 para 3.4 –** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tindif fiż-żona tal-*Housing Estate* kien qed isir kemm il-knis kif ukoll il-ħasil bil-*power wash* u kienu ġew installati wkoll żewġ *floodlights* fil-passaġġi ta' l-istess żona.

**2.5 Paġna Nru: 5 para 6.1 –** Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunċert Vokali u Strumentali mill-Banda Mount Carmel Gżira kien ser isir il-Ġimgħa 30 t'Awwissu 2013 fi Triq Sir Patrick Stuart mit-8.30 p.m. 'l quddiem.  Għalhekk, għandhom isiru l-preparamenti meħtieġa għal din l-attivita'.

**2.5 Paġna Nru: 5 para 7.1 – Proposta ta' Bdil ta' dawl fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa –** wara d-diskussjoni li saret kemm waqt il-laqgħa kif ukoll fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill qabel unanimament li għandha toħroġ Sejħa għall-Offerti għax-xiri ta' installazzjoni ġdida.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-7 t' Awwissu 2013, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Rigward korrispondenza li ġiet diskussa fil-laqgħa tat-22 t'April 2013, dwar Cit. Nru: 1549/01 GV – Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Inġinerija vs Emanuel Zarb

et' liema korrispondenza kienet intbagħatet lil-Avukat tal-Kunsill, dan ta' l-aħħar ta' l-parir li għalkemm il-Kunsill ma tilifx il-kawża pero' l-*lift* kien inżamm għand Zarb fuq struzzjonijiet tal-Kunsill. Għalhekk, il-Kunsill ġie kkundanat iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li jipproċedi bil-pagament ta' l-ispejjeż legali.

**3.3** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Galea li jitħallas l-ammont ta' €1,931.53 lid-ditta *Road Servicing Ltd* li kien bilanċ għall-xogħlijiet ta' l-ilma *re: Tender GLC01/2010 – Resurfacing Works*.

**3.4** Rigward iż-żewġ talbiet li tressqu fir-rispett tal-ħsarat li ġarbu fil-vetturi tagħhom, il-Kunsill iddeċieda li bħal ma ġew trattati każijiet simili, t-talbiet ma ġewx milqugħa minħabba li ma kienux suffiċjentament pruvati.

**3.5** Il-Kunsill qabel unanimament li jibdew isiru *Zumba classes* fiċ-Centru ta' l-Attivitajiet u għalhekk għandna nikkuntattjaw lil Sarah Micallef Smith għal aktar dettalji.

**3.6** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Christian Cutajar dwar ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu minħabba struttura tal-metal li tisporġi mill-bankina.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li minħabba l-fatt li dan ix-xogħol kien sar mill-Gvern Ċentrali l-Kunsill ma jistax jassumi responsabbilita għad-danni pero' l-Kunsill qabel ukoll, li din il-ħadida għandha titneħħa sabiex jiġu evitati kull ħsarat li jistgħu isiru fil-futur.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni sabiex jiġi nstallat *Fire Assembly sign* fi Triq San Gorg skont is-*site plan*, mid-ditta *Technoline*.

**3.8** Iċ-*Chairman* qal, li bl-inizjattiva ta' l-*Assistent Prinċipal* Fabian Borg, il-Baruni Testaferrata Moroni Viani kien naddaf il-biċċa art li hemm ħdejn ix-*showroom* tal-BMW fi Triq D'Argens.

**3.9** Inqrat *e-mail* mibgħuta mit-*Transport Malta* dwar talba li kienet saret mill-Kunsill għall-*un/loading bays* f'diversi toroq fil-lokalita' fejn il-Kunsill ġie nfurmat li din it-talba ma ġietx milqugħa minħabba l-fatt li tali entitajiet kummerċjali m'humiex eliġibbli skont il-*policy* tat-*Transport Malta*.

**3.10** Inqrat *e-mail* mibgħuta minn resident dwar abbuż li qed isir mill-i*skip* li hemm fl-inħawi ta' Triq Dott Guze Miceli li avolja tkun mimlja, n-nies xorta jibqgħu jwaddbu boroż ta' l-iskart madwara liema skart iġib miegħu intejjen, ġrieden u insetti.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li l-i*skips* li kien għad baqa' fil-lokalita' għandhom jitneħħew u r-residenti jibdew jagħmlu użu mill-ġbir ta' l-iskart *Door to Door* li jinġabar sitt darbiet fil-ġimgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat li qabel ma dawn jitneħħew għandhom jitwaħħlu avviżi (*laminated*) fejn hemm l-i*skips* li tindika' li din ser titneħħa u dan mil-bidu t'Ottubru 2013.

**3.11** Iċ-*Chairman* informa li l-attivita' – *marathon water – treading of 60 hours day and night* li kellha ssir bejn it-23 u l-25 t'Awwissu 2013 kellha tiġi postposta minħabba raġunijiet ta' saħħa u dan minħabba l-fatt li kien sbroffa d-drenaġġ fil-baħar

**3.12** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/16 minn numru 769 sa 805 (ara *appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

## 5. Diskussjoni *Derelict Vehicles*

**5.1** Rigward is-suġġett sopraċitat ċ-*Chairman* qal, li minħabba l-fatt li l-Pulizija m'għandhomx aktar spazju fejn ipoġġu d-*derelict vehicles* kien qed jinħass il-bżonn li jiġi ddentifikat kuntrattur biex jiġbor dawn il-vetturi. Huwa kompla jgħid, li jekk xi Kunsillier ikun jaf b'xi kuntrattur għandu jinforma lill-Kunsill.

## 6. Diskussjoni – Librara

**6.1** Iċ-*Chairman* informa li s-Sinjura Nathalie Camilleri li qed tieħu ħsieb il-librerija kienet impjegata mal-Kunsill bħala *part-timer*. Huwa kompla jgħid, li jekk il-librara tibda tagħti servizz bħala *self employed* il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jimpjega skrivan/a *full time*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal iċ-*Chairman*.

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1** Iċ-*Chairman* qal li minħabba l-problema ta' l-iskart li jinħareġ barra minn ħinu partikolarment fi Triq ix-Xatt kien qed jissuġġerixxi li jsiru *CCTV cameras* f'toroq identifikati. Huwa kompla jgħid, li dawn il-*cameras* jistgħu jiġu mikrija u jekk il-Kunsill jaqbel kien ser jagħmel kuntatt mas-Sur Kenneth DeMartino –

direttur ta' kumpanija li tipprovdi servizz ta' din in-natura. Huwa qal ukoll, li din il-materja għandha titressaq għall-attenzjoni tal-Kumitat tar-Reġjun.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.2** Il-Kunsillier Joseph M. Muscat qal li fl-opinjoni tiegħu hemm bżonn li tiġi nstallata mera minħabba t-traffiku fi Triq Carlo Manche' (*upper*) kantuniera ma' Triq Moroni faċċata ta' Triq Bouverie.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M Muscat.

Il-Kunsillier Joseph M Muscat qal, li għandhom isiru aktar spezzjonijiet mill-*wardens* fi Triq Bouverie u dan minħabba l-fatt li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti li ta' sikwit jkollhom l-aċċess tal-garraxxijiet tagħhom ostakolat b'vetturi ta' terzi persuni.

**7.3** Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-bżonn immedjat tat-*Traffic Calming measures* fi Triq Ponsonby u Carlo Manche' li kellhom isiru mill-kuntrattur *Polidano Bros Ltd* kif ukoll oħra fi Triq Victory.

Għalhekk, kellu jsir kuntatt ma' *Polidano Bros Ltd* permezz tal-Perit tal-Kunsill sabiex dan ix-xogħol isir.

**7.4** Iċ-*Chairman* qal li l-*magazine* tal-Kunsill Impenn ma kienx ħareġ minħabba l-fatt li s-Sur Runza kien informa li ma kienux inġabbru bizzejjed reklami sabiex jiġi ppubblikat u għalhekk ma kienx aktar sostenibbli.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li għandha tinħareġ '*Expression of Interest'* f'dan ir-rigward.

**7.5** Il-Kunsill ġie nfurmat li fis-6 t'Awwissu 2013, kienet saret laqgħa mal-*MEPA* li għaliha kienu preżenti l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John Joseph M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit.

Matul il-laqgħa ġew diskussi diversi materji fosthom spazju għall-parkeġġ, propjeta' li għandha tiġi protetta minħabba raġunijiet storiċi jew propjeta li għandha tiġi skedata.

Ġie ssuġġerit mir-rappreżentanti tal-*MEPA* li l-Kunsill għandu jiddentifika l-problemi u r-rikjesti fil-lokalita' u jintbagħtu lill-*MEPA* u jiġu diskussi waqt laqgħa oħra mal-Kunsill li għandha ssir fix-xahar ta' Settembru 2013.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li wara li jintbagħtu l-minuti ta' din il-laqgħa mill-*MEPA* għandu jsir *ad hoc meeting* u jingħata *feedback* lill-Kunsill.

## 8 Laqgħa Oħra

**8.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m. u ġiet aġġornata għall-4 ta' Settembru 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

MOZZJONI NRU: Klg6/04

| | |
|---|---|
| Lill. | Kunsill Lokali Gżira |
| Mis- | Sindku |
| Data | 01 t' Awwissu 2013 |
| Ħin | 5.00 p.m. |

## *Memo 17/2013/Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqgħat on-line*

Kunsill Lokali ta'  IL-GŻIRA

Qed nipproponi li l-Kunsill japplika għal din l-iskema sabiex jibbenifika mill-fondi massimi sa €2,300

**Votazzjoni**

Kien hemm qbil unanimu

| | | |
|---|---|---|
| Proponent: | Roberto Cristiano | Sindku |
| Sekondanti: | Charles Micallef St. John | Kunsillier (Minority Leader) |
| Laqgħa Nru: | Klg6/18 | 07.08.2013 |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/18**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/18 - 07.08.2013** **Data:** **03.07.2013 - 07.08.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ARMS LTD | €5.66 | €5.66 | D | Act. Centre - 11.04.2013 - 10.06.2013 | 04.07.2013 | 17093570 | 769 | | | |
| 2 | ARMS LTD | €442.11 | €442.11 | D | Adm Office 06.04.2013 - 06.06.2013 | 29.06.2013 | 17075434 | 770 | | | |
| 3 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | Maint & Connectivity period Apr-June 2013 | 17.07.2013 | SIN028445 | 771 | | | |
| 4 | E.L.C. | €2,214.29 | €2,214.29 | T | Maint of Soft Areas June 2013 | 30.06.2013 | 009822 | 772 | | | |
| 5 | EcoPure | €12.74 | €12.74 | D | Consumables - Adm. Office | 09.07.2013 | 548455 | 773 | | | |
| 6 | J.F. Mallia Ltd | €271.00 | €271.00 | D | Maint Street Light Job Nos: 293/294 | 02.07.2013 | 931 | 774 | | | |
| 7 | IBIS Group Ltd | €25.77 | €25.77 | D | Service Call re telephones | 28.06.2013 | 4501 | 775 | | | |
| 8 | G4S Security Services Ltd | €141.60 | €141.60 | D | Cash In Transit - June 2013 | 30.06.2013 | GS007784 | 776 | | | |
| 9 | Alfa Co. Ltd | €50.39 | €50.39 | D | Rentals & Copies 01.06.2013 - 30.06.2013 | 30.06.2013 | 30003488 | 777 | | | |
| 10 | Alfa Co. Ltd | €89.94 | €89.94 | D | Rentals & Copies 13.05.2013 - 12.06.2013 | 30.06.2013 | 30003680 | 777 | | | |
| 11 | The Toolbox | €146.55 | €146.55 | D | Maint of Bollards7U-shape barriers/litterbins | 14.06.2013 | 11935 | 778 | | | |
| 12 | GO plc | €21.23 | €21.23 | D | 21341616 - Calls June Rent July | 10.07.2013 | 33524471 | 779 | | | |
| 13 | GO plc | €64.53 | €64.53 | D | 334254/341034 Calls June Rent July 2013 | 10.07.2013 | 33524467 | 780 | | | |
| 14 | GO plc | €40.87 | €40.87 | D | 21322157 Calls June Rent July 2013 | 10.07.2013 | 33524977 | 781 | | | |
| 15 | Longbow Ltd | €151.04 | €151.04 | D | Degradable bags for litterbins ix-Xatt | 26.07.2013 | 123977 | 782 | | | |
| 16 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | Craft Lessons for July 2013 | 31.07.2013 | 45 | 783 | | | |
| 17 | EM Cleaning Services | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection July 2013 | 31.07.2013 | 84 | 784 | | | |
| 18 | EM Cleaning Services | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire - July 2013 | 31.07.2013 | 85 | 785 | | | |
| 19 | EM Cleaning Services | €836.06 | €836.06 | T | Public Convenience - July 2013 | 31.07.2013 | 86 | 786 | | | |
| 20 | EM Cleaning Services | €875.84 | €875.84 | T | Bulky Refuse - June - 160 Calls | 31.07.2013 | 87 | 787 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,204.84** | **€12,204.84** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,204.84** | **€12,204.84** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/18**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/18 - 07.08.2013** **Data:** **03.07.2013 - 07.08.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | EM Cleaning Services | €95.00 | €95.00 | | T | Cleaning Services - Festa 14.07.2013 | 31.07.2013 | 88 | 788 | | | |
| 22 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | | D | Allocated MSW Waste - June 2013 | 15.07.2013 | 037924 | 789 | | | |
| 23 | EcoPure Ltd | €12.74 | €12.74 | | D | Consumables Adm Office | 30.07.2013 | 550003 | 790 | | | |
| 24 | Koperattiva Tabelli Sinjali | €426.62 | €426.62 | | T | Road Markings as per Job No: 12539 | 17.07.2013 | 18282 | 791 | | | |
| 25 | Koperattiva Tabelli Sinjali | €203.30 | €203.30 | | T | Road Paint as per D/Order No: 3059 | 11.06.2013 | 18194 | 792 | | | |
| 26 | J.F. Mallia Ltd | €515.66 | €515.66 | | D | Maint Light Ġnien | 16.07.2013 | 938 | 793 | | | |
| 27 | Koperattiva Tabelli Sinjali | €104.78 | €104.78 | | T | Traffic Signs as per Job No: 9819 | 11.07.2013 | 18259 | 794 | | | |
| 28 | E.L.C. | €2,214.29 | €2,214.29 | | T | Maint Soft Areas for the month of July 2013 | 31.07.2013 | 9889 | 795 | | | |
| 29 | Squire Bookshop | €72.30 | €72.30 | | D | Newspapers for the month of July 2013 | 01.08.2013 | 1057 | 796 | | | |
| 30 | Mr David Grasso | €285.00 | €285.00 | | D | Summer Music Nights 18/07-25/07-01/08 2013 | 01.08.2013 | | 797 | | | |
| 31 | General Cleaners Co. Ltd | €289.10 | €289.10 | | Q | Hire of 2 Mobile Toilets for July 2013 | 02.08.2013 | 1584 | 798 | | | |
| 32 | Borg Hardware Store | €18.00 | €18.00 | | D | Maint Lokalita' | 27.06.2013 | 115 | 799 | 57 | | |
| 33 | Borg Hardware Store | €149.00 | €149.00 | | D | Maint Public Convenience | 02/08/2013 | 116 | 799 | 67 | | |
| 34 | Joe Bugeja & Associates | €460.53 | €460.53 | | T | Arch Services May - June 2013 | 15.07.2013 | 1188 | 800 | | | |
| 35 | Joe Bugeja & Associates | €224.60 | €224.60 | | T | C/M fee Polidano Stuart Stabilization Wrks | 15.07.2013 | 1189 | 801 | | | |
| 36 | Joe Bugeja & Associates | €357.09 | €357.09 | | T | 20% C/M fee Polidano Stuart ReSurfacing | 15.07.2013 | 1190 | 802 | | | |
| 37 | Joe Bugeja & Associates | €346.07 | €346.07 | | T | 20% C/M fee Polidano Ponsonby ReSurfacing | 15.07.2013 | 1191 | 803 | | | |
| 38 | Joe Bugeja & Associates | €38.68 | €38.68 | | T | C/M fee Retention Money H/Estate Polidano Bros. | 15.07.2013 | 1192 | 804 | | | |
| 39 | Print Right Ltd | €247.80 | €247.80 | | D | Printing of books | 17.05.2013 | 579 | 805 | | | |
| 40 | Gżira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,124.95** | **€9,530.98** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,204.84** | **€12,204.84** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€22,329.79** | **€21,735.82** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier